KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.9.2005
KUMM(2005) 389 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Aġenda Komuni għall-IntegrazzjoniQafas għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea

MT MT

WERREJ

1. DAĦLA 3

2. INSAĦĦU L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJI BAŻIĊI KOMUNI 4

3. LEJN STRATEĠIJA KOERENTI FUQ LIVELL TA' UE 10

4. KONKLUŻJONIJIET 14

ANNESS 16

1. DAĦLA

Il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjżi terzi llum huma parti minn dibattitu importanti madwar l-Unjoni Ewropea mkabbra. Ħafna mill-Istati Membri issa qegħdin jesperjenzaw il-fenomenu tal-migrazzjoni u qegħdin jitħabtu ma' l-isfidi li ġġib magħha l-integrazzjoni. Xi pajjiżi, inklużi l-Istati Membri l-ġodda, bdew jiffaċċjaw l-immigrazzjoni riċentement. Oħrajn ilhom jitħabtu ma' l-isfidi ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni għal għexieren ta' snin iżda mhux dejjem kellhom riżultati sodisfaċenti, u għalhekk qegħdin jirrevedu l-politika tagħhom. Skond id-differenzi fl-istorja, it-tradizzjonijiet u l-arranġamenti istituzzjonali, hemm varjetà kbira ta' strateġiji li qegħdin jittieħdu sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li jridu jiġu indirizzati. Din il-Komunikazzjoni toħroġ konklużjonijiet mill-politika li twettqet s'issa.

Fl-aħħar snin l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu u jaħdmu fl-UE kisbet aktar importanza fuq l-aġenda Ewropea. Wara t-talba tal-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern (JHA) fl-2002 sabiex jiġu stabbiliti Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-integrazzjoni (NCPs), il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003 ikkonferma dak il-mandat u stieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta Rapporti Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni[1]. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Impjiegi[2], il-Kummissjoni ħejjiet strateġija unitarja għall-integrazzjoni. F'Novembru 2004, ġiet ippubblikata l-ewwel edizzjoni ta' *Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni għall-Mexxejja u Persuni Responsabbli.*

Il-Programm ta' The Hague, adottat mill-Kunsill Ewropew ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004, sostna l-ħtieġa għal koordinazzjoni akbar bejn il-politika ta' integrazzjoni nazzjonali u inizjattivi ta' l-UE f'dan il-qasam. Jiddikjara wkoll li l-pedament għal inizjattivi tal-futur fl-UE għandu jkun qafas, ibbażat fuq prinċipji komuni, li jkollu għanijiet ċari u mezzi ta' valutazzjoni[3]. Il-Kunsill JHA tad-19 ta' Novembru 2004 adotta Prinċipji Bażiċi Komuni (CBPs) sabiex jgħinu fit-tfassil ta' qafas koerenti Ewropew ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[4]. Il-Programm ta' The Hague stieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali qabel l-aħħar ta' l-2005. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni ppubblikat *Green Paper* dwar strateġija ta' l-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni ekonomika[5], li ssostni li l-miżuri tad-dħul għandhom ikunu akkumpanjati minn politika ta' integrazzjoni b'saħħitha.

L-integrazzjoni hija element importanti tal-politika ta' l-UE f'dan il-qasam. L-integrazzjoni effettiva u responsabbli ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol hija kontribut importanti biex jintlaħqu l-miri ta' Lisbona. Il-Kummissjoni tistimula u tappoġġja l-isforzi ta' l-Istati Membri fl-impjiegi, il-kwistjonijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs, li jagħtu importanza lill-inklużjoni taż-żewġ sessi sabiex jiġi utilizzat bl-aħjar mod il-potenzjal ta' l-immigranti nisa fis-suq ta' l-impjiegi. Il-Linji Gwida Integrati ġodda għall-Impjiegi u t-Tkabbir Ekonomiku jsejħu lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni biex jiżdied l-impjieg ta' l-immigranti.

Il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs għal kulħadd huma kwistjonijiet prinċipali għall-integrazzjoni. Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE

---

1 L-ewwel rapport ġie ppubblikat fl-2004 COM(2004) 508.
2 KUMM(2003) 336.
3 L-Anness I tal-Konklu¿jonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew, 4/5 ta' Novembru 2004.
4 Dokument tal-Kunsill 14615/04 tad-19 ta' Novembru 2004.
5 KUMM(2004) 811.

tipprovdi qafas sod ta’ liġijiet kontra d-diskriminazzjoni[6]. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar strateġija qafas għal kontra d-diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs għal kulħadd[7], il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi dwar il-promozzjoni ta’ l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet strutturali li jiltaqgħu magħhom l-immigranti, minoritajiet etniċi u gruppi vulnerabbli oħrajn. Il-proposta ta’ Sena Ewropea għal Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd fl-2007 u s-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali maħsuba għas-sena 2008 għandhom ikunu inizjattivi importanti li joħolqu kuxjenza u li jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet.

Il-miżuri ta’ integrazzjoni jeħtieġu riżorsi finanzjarji adegwati. L-UE tappoġġja l-politika ta’ integrazzjoni ta’ l-Istati Membri permezz ta' numru ta' strumenti finanzjarji. L-Azzjonijiet ta’ Tħejjija għall-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi (INTI) kienu importanti biex jippromwovu l-attivitajiet fuq livell lokali, isaħħu r-rabtiet u l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-prattiċi tajbin bejn l-Istati Membri, awtoritajiet reġjonali u lokali u partijiet interessati oħra. Dawn ġabu interess kbir iżda kien jonqoshom ir-riżorsi biżżejjed biex jilħqu l-bżonnijiet kbar f'dan il-qasam. Taħt il-perspettivi finanzjarji 2007-2013, il-Kummissjoni pproponiet strumenti ta’ solidarjetà ġodda, li fosthom hemm Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, ibbażat fuq il-CBPs.

L-għanijiet tal-Fond jikkumplimentaw il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), li jibni fuq l-esperjenzi ta’ l-inizjattiva tal-Komunità EQUAL biex jappoġġja strateġiji innovattivi dwar il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni ma’ l-immigranti fis-suq ta' l-impjiegi. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-perjodu ta’ l-ESF 2007-2013 tinkludi ħarsa speċifika lejn it-tisħiħ ta’ l-inklużjoni soċjali ta’ persuni żvantaġġjati. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali wkoll jappoġġja ċerti miżuri ta’ integrazzjoni.

Din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel rispons tal-Kummissjoni għall-istedina tal-Kunsill Ewropew sabiex jitwaqqaf qafas Ewropew koerenti għall-integrazzjoni. Il-pedamenti ta’ dan il-qafas huma l-proposti għal miżuri konkreti sabiex is-CBPs jibdew jitħaddmu fil-prattika, flimkien ma’ serje ta’ mekkaniżmi ta’ appoġġ mill-UE. Filwaqt li tikkunsidra l-oqsma tal-politika ta’l-UE eżistenti, il-Komunikazzjoni tipprovdi suġġerimenti ġodda għal azzjoni kemm fuq livell ta’ UE kif ukoll nazzjonali. L-Istati Membri huma mħeġġa li jsaħħu l-isforzi tagħhom bil-għan li jiżviluppaw strateġiji ta’ integrazzjoni nazzjonali komprensivi, filwaqt li qegħdin jiġu proposti modi ġodda kif tiġi żgurata l-konsistenza bejn azzjonijiet fuq il-livell ta' l-UE u dawk nazzjonali.

2. INSAĦĦU L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PRINĊIPJI BAŻIĊI KOMUNI

It-tabelli t’hawn taħt huma maħsuba biex jipprovdu gwida għall-politika ta’ integrazzjoni ta’ l-UE u ta' l-Istati Membri. L-azzjonijiet issuġġeriti (deskritti fl-Anness) jibnu fuq il-Ktejjeb ta’ Tagħrif dwar l-Integrazzjoni, l-Azzjonijiet ta’ Tħejjija INTI u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni propost. L-ordni ta’ l-azzjonijiet ma tirriflettix is-sens ta’ prijorità. Il-lista hija indikattiva u mhux eżawrjenti, u tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jistabbilixxu l-prijoritajiet u biex jagħżlu l-azzjonijiet kif ukoll il-mod kif dawn għandhom jitwettqu fil-kuntest tas-sitwazzjonijiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali tagħhom. Kollha għandhom jitqiesu bħala elementi prinċipali tal-politika ta’ integrazzjoni kollha nazzjonali u ta’ l-UE. Fl-azzjonijiet

---

6 Id-Direttiva 2000/43/KE tad-29.6.2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini ta' razza jew etnika u d-Direttiva 2000/78/KE tas-27.11.2000 li li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.

7 KUMM(2005) 224.

relevanti kollha għandha tkun inkorporata perspettiva li tinkludi ż-żewġ sessi, kif ukoll attenzjoni speċjali għas-sitwazzjoni ta' immigranti żgħażagħ u tfal.

1. ***'L-integrazzjoni hija proċess dinamiku fuq żewġ binarji ta' akkomodazzjoni reċiproka mill-immigranti u r-residenti kollha ta' l-Istati Membri'***

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
It-tisħiħ tal-kapaċità tas-soċjetà ospitanti li taġġusta għad-diversità billi twassal l-azzjonijiet ta' integrazzjoni lill-popolazzjoni ospitanti. It-twaqqif ta' programmi nazzjonali li jimplimentaw strateġija fuq żewġ binarji. Iż-żieda fl-għarfien u l-aċċettazzjoni tal-migrazzjoni permezz ta' kampanji li joħolqu kuxjenza, esibizzjonijiet, attivitajiet interkulturali, eċċ. Il-promozzjoni ta' l-għarfien fis-soċjetà ospitanti dwar il-konsegwenzi ta' programmi ta' introduzzjoni u skemi tad-dħul. It-titjib tar-rwol ta' entitajiet privati fil-ġestjoni tad-diversità. Il-promozzjoni tal-fiduċja u r-relazzjonijiet tajbin f'żoni residenzjali, eż. permezz ta' inizjattivi ta' merħba, għajnuna individwali, eċċ. Il-kooperazzjoni mal-mezzi tax-xandir u l-istampa permezz ta' kodiċi ta' prattika volontarji għall-ġurnalisti.	Appoġġ lil azzjonijiet bejn pajjiż u ieħor, eż. kampanji jew attivitajiet interkulturali, sabiex tingħata informazzjoni preċiża dwar il-kulturi, reliġjonijiet u kontributi soċjali u ekonomiċi ta' l-immigranti. Appoġġ lil proġetti u studji pilota biex jinstabu forom ġodda ta' kooperazzjoni mill-Komunità fil-qasam tad-dħul u l-integrazzjoni.

2. ***'L-integrazzjoni timplika r-rispett lejn il-valuri bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea'***

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
Enfasi fuq l-orjentament ċiviku fl-introduzzjoni ta' programmi u attivitajiet oħra għal ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu għadhom kemm waslu bl-iskop li jiġi aċċertat li l-immigranti jifhmu, jirrispettaw u jibbenefikaw minn valuri komuni nazzjonali u Ewropej.	L-inklużjoni ta' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi Programmi Pluriannwali tal-futur ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali proposta. It-tfittxija għal metodi effettivi kif tiżdied il-kuxjenza pubblika dwar il-valuri bażiċi ta' l-UE.

3. ***'L-impjieg huwa parti prinċipali mill-proċess ta' integrazzjoni u huwa ċentrali għas-sehem ta' l-immigranti, għall-kontribut li l-immigranti jagħtu lis-soċjetà ospitanti, u biex kontributi bħal dawn ikunu jidhru'***

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
L-iżvilupp ta' strateġiji innovattivi dwar il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni fis-suq ta' l-impjiegi. L-involviment ta' l-imsieħba soċjali fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' integrazzjoni. Tagħrif lil min iħaddem u lill-istituzzjonijiet edukattivi dwar ċertifikati għal korsijiet ta' introduzzjoni sabiex tingħata promozzjoni lill-aċċess għas-suq ta' l-impjiegi jew għal opportunitajiet ta' taħriġ. It-tfittxija ta' metodi oħra kif jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki, taħriġ u/jew esperjenzi professjonali ta' immigranti ġodda, skond il-liġijiet eżistenti. Għajnuna fl-għoti tat-taħriġ lil kumpaniji żgħar, organizzazzjonijiet kummerċjali u trejdjunjins f'setturi ta' l-ekonomija li jimpjegaw ħafna immigranti. Inkoraġġiment biex jiġu impjegati immigranti nisa, jiġifieri billi jiġi żgurat li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fl-aċċess għas-suq ta' l-impjiegi u li dawn ma jxekklux l-integrazzjoni, meta tiġi trasposta d-Direttiva dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja[8]. Inkoraġġiment ta' l-impjegar ta' immigranti permezz tal-ħolqien ta' kuxjenza, inċentivi ekonomiċi u miżuri oħrajn immirati lejn min iħaddem. Għajnuna lill-intraprenditorjalità ta' l-immigranti, eż. permezz ta' aċċess eħfef għas-servizzi bankarji u ta' kreditu.	Monitoraġġ ta' l-impatt ta' Programmi Nazzjonali ta' Riforma fuq l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-suq ta' l-impjiegi. Inkoraġġiment lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politika ta' integrazzjoni fis-suq ta' l-impjiegi. [9]Monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tad-Direttivi dwar id-diskriminazzjoni fl-impjieg u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul

[8] Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22.9.2003.
[9] Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25.11.2003.

4. ***'L-għarfien bażiku tal-lingwa, l-istorja u l-istituzzjonijiet tas-soċjetà ospitanti huwa indispensabbli għall-integrazzjoni; li l-immigranti jkunu jistgħu jiksbu dan l-għarfien bażiku huwa essenzjali biex l-integrazzjoni tirnexxi'***

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
It-tisħiħ ta' l-element ta' l-integrazzjoni fil-proċeduri tad-dħul, eż. permezz ta' miżuri ta' qabel it-tluq bħalma huma ġabriet ta' informazzjoni u korsijiet ta' orjentament ċiviku u tal-lingwa fil-pajjiż ta' l-oriġini. L-organizzazzjoni ta' programmi ta' introduzzjoni u attivitajiet għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom jaslu biex jiksbu għarfien bażiku dwar il-lingwa, l-istorja, l-istituzzjonijiet, il-karatteristiċi soċjo-ekonomiċi, il-ħajja kulturali u l-valuri fundamentali. Il-possibbiltà ta' korsijiet fuq diversi livelli li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-edukazzjoni differenti ta' l-immigranti u l-għarfien minn qabel dwar il-pajjiż. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-programmi ta' introduzzjoni u attivitajiet għal min jiddependi fuq persuni suġġetti għall-proċeduri tad-dħul, nisa, tfal, anzjani, persuni illitterati u persuni b'diżabilità. Żieda fil-flessibbiltà tal-programmi ta' introduzzjoni permezz ta' korsijiet *part-time* u ta' filgħaxija, moduli mgħaġġla, sistemi ta' tagħlim mill-bogħod u tagħlim elettroniku. It-twassil ta' attivitajiet ta' introduzzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi żgħażagħ bi problemi soċjali u kulturali speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' identità, inkluż għajnuna individwali u programmi mudell. Il-ġbir ta' riżorsi sabiex muniċipalitajiet ħdejn xulxin ikunu jistgħu joffru tipi differenti ta' korsijiet.	Azzjonijiet bejn pajjiż u ieħor għandhom ikunu mħeġġa, eż. adattament ta' prattiċi tajbin għal kuntesti differenti, skambji ta' persunal, żvilupp konġunt tal-programmi, tixrid komuni tar-riżultati. Għajnuna lil programmi ta' integrazzjoni innovattivi jew mudelli li jinkorporaw taħriġ dwar il-lingwa u l-komunikazzjoni, u l-karatteristiċi kulturali, politiċi u soċjali tal-pajjiż ospitanti.

5. 'L-isforzi fl-edukazzjoni huma kritiċi biex iħejju lill-immigranti, u partikolarment lid-dixxendenti tagħhom, sabiex ikollhom aktar suċċess u jkollhom sehem aktar attiv fis-soċjetà'

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
Riflessjoni tad-diversità fil-kurrikulu ta' l-iskola. Għandhom jiġu indirizzati l-problemi speċifiċi ta' immigranti żgħażagħ b'miżuri li jevitaw li dawn ma jilħqux il-milja tagħhom jew li jitilqu l-iskola kmieni. It-titjib tas-sehem ta' l-immigranti żgħażagħ fl-edukazzjoni avvanzata. Għandha tiġi indirizzata d-delinkwenza fl-immigranti żgħażagħ.	L-inkorporazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-integrazzjoni fid-diversi programmi edukattivi tal-Kummissjoni. Promozzjoni ta' l-edukazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz tal-Programm ta' Ħidma ta' Edukazzjoni u Taħriġ għall-2010. It-tħaffif tar-rikonoxximent trasparenti tal-kwalifiki, speċjalment permezz ta' proposti għal Qafas ta' Kwalifiki Ewropej.

6. 'L-aċċess ta' l-immigranti għall-istituzzjonijiet, kif ukoll għal prodotti u servizzi pubbliċi u privati, fuq bażi ndaqs bħal ċittadini nazzjonali u mingħajr diskriminazzjoni, huwa pedament kritiku għal integrazzjoni aħjar'

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
It-tisħiħ tal-kapaċità tal-fornituri ta' servizzi pubbliċi u privati li jinteraġixxu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' interpretazzjoni u traduzzjoni interkulturali, għajnuna individwali, servizzi intermedji minn komunitajiet ta' l-immigranti, punti ta' informazzjoni li joffru servizz komplut. L-iżvilupp ta' għodod ta' tagħrif komprensivi, eż. manwali, siti fuq l-internet, reġistri tal-ħiliet tal-personal fid-diversità. Il-bini ta' strutturi organizzattivi sostenibbli għall-integrazzjoni u l-ġestjoni tad-diversità u modi ta'żvilupp tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati governattivi li jippermettu lill-uffiċjali li jiskambjaw informazzjoni u jaqsmu r-riżorsi. L-introduzzjoni ta' skemi ta' ġbir u analiżi ta' informazzjoni dwar il-bżonnijiet ta' kategoriji	Il-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għal żmien twil u dwar it-trattament indaqs irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika. It-titjib tal-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u ta' prattiċi tajba fil-qasam ta' l-integrazzjoni. Appoġġ lil studji u lil skambji ta' l-aħjar prattiċi. Promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' taħriġ interkulturali trasferibbli għall-uffiċjali pubbliċi.

differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell lokali u reġjonali permezz ta' opportunitajiet għall-konsultazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati u stħarriġ dwar il-komunitajiet ta' immigranti. L-involviment ta' kumpaniji f'dibattiti dwar l-integrazzjoni u r-rabta ta' programmi governattivi ma' programmi ta' responsabbiltà soċjali korporattiva tal-kumpaniji. L-integrazzjoni tal-kompetenza interkulturali fil-politika ta' reklutaġġ u ta' taħriġ.	

7. *'L-interazzjoni ta' spiss bejn l-immigranti u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri hija mekkaniżmu fundamentali għall-integrazzjoni. Il-fora komuni, id-djalogu interkulturali, l-edukazzjoni dwar l-immigranti u l-kulturi tagħhom, u l-istimolu tal-kundizzjonijiet ta' l-għajxien f'ambjenti urbani kollha jtejbu l-interazzjonijiet bejn l-immigranti u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri'*

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
Il-promozzjoni ta' l-użu ta' spazji komuni u attivitajiet fejn l-immigranti jinteraġixxu mas-soċjetà li tospithom. It-titjib ta' l-ambjent ta' l-għajxien f'termini ta' abitazzjoni, kura tas-saħħa, faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal, sigurtà tal-viċinati u opportunitajiet ta' edukazzjoni, ħidma volontarja u taħriġ fuq ix-xogħol, il-kundizzjoni ta' l-ispazji pubbliċi, l-eżistenza ta' ambjenti stimulanti għat-tfal u għaż-żgħażagħ.	It-tisħiħ tad-dimensjoni ta' integrazzjoni fil-Politika ta' Inklużjoni u Protezzjoni Soċjali. L-inċentiv għal skambji ta' informazzjoni u prattiċi tajba ma' awtoritajiet reġjonali, lokali u urbani permezz ta' netwerks li jaħdmu fuq il-livell ta' l-UE u t-tisħiħ tar-rabta bejn dawn in-netwerks u l-NCPs permezz ta' konsultazzjoni u għarfien apposta. Appoġġ lill-kooperazzjoni transnazzjonali fuq livell reġjonali, lokali u muniċipali bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-intrapriżi privati u s-soċjetà ċivili, inklużi l-assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti.

8. ***'Taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-prattika ta' kulturi u reliġjonijiet diversi hija garantita u għandha tkun salvagwardjata, sakemm din ma tmurx kontra drittijiet Ewropej invjolabbli oħrajn jew kontra l-liġi nazzjonali'***

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
L-iżvilupp ta' djalogu interkulturali kostruttiv u dibattitu pubbliku maħsub tajjeb. Il-promozzjoni ta' post għal djalogu bejn u fid-diversi reliġjonijiet bejn diversi komunitajiet reliġjużi u/jew bejn il-komunitajiet u l-awtoritajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet.	It-tħaffif ta' djalogu interkulturali u inter-reliġjuż fuq livell Ewropew, inklużi d-diversi partijiet interessati. Żvilupp ulterjuri tad-djalogu tal-Kummissjoni ma' għaqdiet reliġjużi u umanisti.

9. ***'Is-sehem ta' l-immigranti fil-proċess demokratiku u fit-tfassil tal-politika u l-miżuri ta' integrazzjoni fuq livell lokali, jgħin l-integrazzjoni tagħhom'***

Livell nazzjonali	**Livell ta' UE**
Żieda fis-sehem ċiviku, kulturali u politiku ta' ċittadini minn pajjiżi terzi fis-soċjetà li tospitahom u t-titjib tad-djalogu bejn gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-gvern u s-soċjetà ċivili sabiex tiġi megħjuna ċ-ċittadinanza attiva tagħhom. Għajnuna lil faċilitajiet ta' konsulenza fuq diversi livelli għall-konsultazzjoni minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Inkoraġġiment tad-djalogu u tal-qsim ta' l-esperjenzi u l-prattiċi tajba bejn gruppi u ġenerazzjonijiet ta' immigranti. Żieda fis-sehem ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-proċess demokratiku, il-promozzjoni ta' rappreżentanza bbilanċjata tas-sessi, permezz tal-ħolqien ta' kuxjenza, kampanji ta' informazzjoni u t-titjib tal-ħiliet. It-tnaqqis ta' l-ostakli fl-użu tad-drittijiet tal-votazzjoni, eż. ħlasijiet jew rekwiżiti burokratiċi. It-tħaffif tas-sehem ta' l-immigranti fl-għaqdiet ta' natura ġenerali, *i.e.* bl-għajnuna	Il-bidu ta' studju/eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-livell ta' drittijiet u obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri. Inċentiv biex għaqdiet ta' natura ġenerali jiftħu l-bibien għal immigranti u t-twaqqif ta' għaqdiet li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom madwar l-UE. Il-ħolqien ta' spazju għall-għaqdiet ta' l-immigranti u għal għaqdiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' l-immigranti fuq il-livell ta' l-UE. L-istudju tal-valur ta' l-iżvilupp ta' kunċett taċ-ċittadinanza ċivika bħala mezz li jippromwovi l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi d-drittijiet u d-dmirijiet meħtieġa biex l-immigranti jingħataw sens ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà. Promozzjoni tar-riċerka u d-djalogu dwar kwistjonijiet ta' identità u ċittadinanza.

lil skemi ta' volontarjat jew ta' taħriġ intern. Żieda fl-involviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-risponsi tas-soċjetà għall-migrazzjoni. It-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti bħala sorsi ta' pariri lil dawk li jkunu għadhom kemm waslu, u l-inklużjoni tar-rappreżentanti tagħhom fi programmi ta' introduzzjoni bħala trejners u bħala eżempji mudelli għall-oħrajn. L-elaborazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' tħejjija għaċ-ċittadinanza u ta' naturalizzazzjoni.	

3. LEJN STRATEĠIJA KOERENTI FUQ LIVELL TA' UE

Filwaqt li jittieħed qies tal-kompetenza ta' l-Istati Membri u ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, huwa essenzjali li titfassal strateġija ta' integrazzjoni ta' l-UE aktar koerenti. Dan ikun jikkonsisti fil-konsolidament tal-qafas legali dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom; l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni speċifiċi u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-integrazzjoni; l-inklużjoni fil-politika relevanti u l-evalwazzjoni.

3.1 L-inklużjoni fil-politika relevanti u evalwazzjoni: il-Prinċipji Bażiċi Komuni 10 u 11

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika u l-miżuri msemmija fil-CBPs 1 sa 9 titfassal fuq żewġ elementi. L-integrazzjoni m'hijiex kwistjoni iżolata, imma tmiss ma' diversi oqsma ta' politika, bħalma huma l-impiegi, l-edukazzjoni u l-politika urbana, u hemm bżonn li din tiġi riflessa f'firxa sħiħa ta' politiki (CBP 10). Barra minn hekk, il-politika u l-miżuri ta' integrazzjoni għandhom ikunu evalwati biex jiġu mtejba b'mod kostanti (CBP 11).

CBP10: ***'L-inklużjoni tal-politika u l-miżuri ta' integrazzjoni fl-oqsma relevanti tal-politika ta' natura ġenerali u fil-livelli kollha ta' ggvernar u servizzi pubbliċi hija kunsiderazzjoni importanti fil-formazzjoni u l-implimentazzjoni tal-poitika pubblika'***

L-azzjonijiet meħtieġa fuq livell nazzjonali jistgħu jinkludu:

- It-tisħiħ tal-kapaċità li tiġi kkoordinata strateġija ta' integrazzjoni nazzjonali fuq livelli differenti ta' ggvernar
- Għandu jiġi żgurat li l-integrazzjoni tkun element importanti fil-politika dwar il-migrazzjoni ekonomika
- L-inklużjoni ta' l-integrazzjoni fil-politika relevanti kollha, filwaqt li jiġu żviluppati strateġiji ta' integrazzjoni mmirati

- Fil-politika ta' integrazzjoni għandhom jitqiesu l-inklużjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażagħ u t-tfal immigranti
- Appoġġ lill-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-partijiet interessati
- Għandu jiġi żgurat li l-NCPs jiffunzjonaw bħala punt fokali nazzjonali u li l-informazzjoni tinqasam u tiġi kkoordinata fil-livelli kollha ta' ggvernar u ta' partijiet interessati oħra, partikolarment fuq livell reġjonali u lokali

L-azzjonijiet meħtieġa fuq livell ta' UE:

- It-tisħiħ tan-netwerk ta' NCPs
- L-iżvilupp tal-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet u s-servizzi responsabbli għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-integrazzjoni
- L-inklużjoni ta' għanijiet ta' integrazzjoni fil-programmi Ewropej prinċipali relevanti

CBP 11: ***'L-iżvilupp ta' għanijiet ċari, indikaturi u mekkaniżmi ta' evalwazzjoni huwa meħtieġ sabiex tiġi aġġustata l-politika, jiġi evalwat il-progress fl-integrazzjoni u biex l-iskambju ta' informazzjoni jkun aktar effettiv'***

L-azzjonijiet meħtieġa fuq livell nazzjonali jistgħu jinkludu:

- Żieda fil-kapaċità tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni, eż. permezz ta' valutazzjoni nazzjonali ta' l-impatt, mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, indikaturi u miżuri ta' monitoraġġ
- It-titjib tal-kapaċità tal-ġbir, l-analiżi u t-tqassim ta' statistika li għandha x'taqsam ma' l-integrazzjoni
- L-evalwazzjoni tal-proċeduri tad-dħul u tal-programmi ta' introduzzjoni permezz ta' stħarriġ fost il-parteċipanti u l-partijiet interessati
- L-iżvilupp ta' skemi ta' valutazzjoni għal programmi ta' integrazzjoni obbligatorji

L-azzjonijiet meħtieġa fuq livell ta' UE:

- L-iżvilupp ta' għodod ta' l-istatistika u indikaturi komuni
- Għajnuna fl-iskambju ta' informazzjoni dwar l-għodod ta' valutazzjoni nazzjonali, u fejn hu xieraq l-iżvilupp ta' kriterji Ewropej dwar il-proċess ta' tagħlim komparattiv
- Għajnuna għal għarfien imtejjeb ta' l-integrazzjoni, inkluża l-analiżi ta' l-impatt ta' elementi obbligatorji fil-politika nazzjonali ta' integrazzjoni
- Il-ħolqien ta' bażi ta' evidenza usa għall-politika ta' integrazzjoni permezz tar-riċerka
- L-iżvilupp ulterjuri tan-Netwerk Ewropea dwar il-Migrazzjoni

3.2 Qafas legali dwar id-dħul u s-soġġorn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi

Minn meta l-Komunità akkwistat il-kompetenza fil-qasam tal-migrazzjoni taħt it-trattat ta' Amsterdam, hija adottat serje ta' strumenti leġiżlattivi dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (direttivi dwar l-għaqda mill-ġdid tal-familji, studenti, riċerkaturi, u residenza għal żmien twil). Dawn id-direttivi joħolqu qafas legali li jirrikjedi l-ugwaljanza fit-trattament u jagħti drittijiet ta' aċċess għall-impjiegi u l-edukazzjoni/taħriġ, li huma kollha elementi neċessarji mhux biss għal politika ta' immigrazzjoni kredibbli iżda wkoll għall-integrazzjoni b'suċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala parti minn dik il-politika. Barra dan, il-leġiżlazzjoni ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni tappoġġja u tiżviluppa dan il-qafas legali dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-istrumenti dwar il-migrazzjoni tal-futur għandhom jikkunsidraw l-ugwaljanza fit-trattament u d-drittijiet tal-immigranti.

3.3 Lejn strateġija koerenti ta' l-UE: kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar l-integrazzjoni

3.3.1 Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni

L-NCPs ser jibqa' jkollhom rwol importanti fil-monitoraġġ tal-progress fl-oqsma politiċi u fl-iżgurar li l-isforzi fuq livell nazzjonali u dak ta' l-UE qegħdin jissaħħu b'mod reċiproku. Fl-iżvilupp tal-Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni dawn kienu effettivi fl-iskambju ta' l-informazzjoni u l-prattiċi tajbin u fl-identifikazzjoni ta' l-oqsma prijoritarji. L-attenzjoni akbar fuq il-CBPs fil-ħidma tagħhom tgħin fl-iżvilupp tal-qafas Ewropew. In-natura ta' l-NCPs fil-preżent għandha tinżamm għaliex il-flessibbiltà inerenti u l-karatteristika teknika tagħhom jiffaċilitaw l-iskambju ta' l-informazzjoni u ta' l-esperjenza. Sabiex jintuża aħjar l-għarfien tagħhom, meta jkun xieraq dawn għandhom iwasslu r-riżultati importanti lill-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Kenn Politiku, ippresedut mill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istrutturi relevanti tal-Kunsill li għandhom x'jaqsmu mal-politika relatata ma' l-integrazzjoni u lill-Presidenza.

3.3.2 Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni

